**FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA` GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT DR. AUDREY DEMICOLI LL.D.**

**Illum 7 ta' Jannar, 2020**

**Il-PULIZIJA**

**(Spettur Joseph Busuttil)**

**vs**

**omississ**

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront ta' omississ detentur tal-karta ta' l-identita Maltija bin-numru 57001L, akkuzat talli matul is-sena 2018 gewwa Wied il-Ghajn, f' dawn il-Gzejjer;

1. Ghamel jew ipproduca jew ippermetta li jigi maghmul jew prodott xi materjal indecenti jew ipproduca, qassam, xerred, importa, esporta,

offra, biegh, issupplixxa, ittrasmetta, ghamel disponibbli, akkwista ghalih innifsu jew ghal haddieħor, jew wera dak il-materjal indecenti ta' persuni ta' taht l-eta.

2. Aktar talli fl-istess perjodu, lok, hin u cirkustanzi akkwista, xjentament akkwista access permezz ta' teknologiji ta' informazzjoni u komunikazzjoni ghal, jew kellu fil pussess tieghu, xi materjal indicenti li juri, jaghti stampa ta' jew jirraprezenta xi persuna ta' taht l-eta'.

Il-Qorti giet mitluba li f'kaz ta' htija minbarra li tinflingi l-pieni stabbiliti mill-Ligi, tordna lill-imsemmija persuna sabiex thallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra ta' l-esperti, jekk ikun il-kaz, kif provdut fl Artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Semghat l-ammissjoni ta' l-imputat kif registrata fl-atti waqt l-udjenza tas-7 ta' Jannar, 2020 ghall-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tieghu.

Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-Artikolu 453 (1) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, u cioe' wara li l-imputat wiegeb li huwa hati, din il-Qorti wissietu b' mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' dik it-twegiba tieghu u tatu zmien xieraq sabiex jekk irid jerga' lura minnha u kien biss wara li staqsietu t-tieni darba li l-Qorti ghaddiet sabiex taghti kaz din l-ammissjoni tieghu.

Semghat is-sottomissjonijiet finali maghmula mill-Prosekuzzjoni u mid-Difiza in kwantu jirrigwarda l-piena.

Illi ghalhekk fuq l-ammissjoni volontarja u nkondizzjonata ta' l-istess imputat, il-Qorti tiddikjara li m' ghandiex triq ohra salv li ssib lill-imputat hati tal-imputazzjonijiet kollha migjuba fil-konfront tieghu kif minnu ammessi.

Ghal finijiet ta' piena l-Qorti kkunsidrat il-fatt li l-imputat ammetta fi stadju bikri tal-proceduri, il-fatt li ghandu fedina penali nadifa kif ukoll il-fatt li l-imputat kien minuri fiz-zmien li kkommetta r-reati li taghhom qed jinstab hati. Il-Qorti kkunsidrat ukoll dak dikjarat mill-Prosekuzzjoni u cioe' li l-materjal li kellu l-imputat kien video clip li ntbaghat lilu minghand terza persuna, li huwa zamm u m' ghaddiehx lil haddiehor. Fic-cirkostanzi l-Qorti tidrilha li stante li l-imputat kien minuri fiz-zmien meta kkommetta r-reat li taghhom qed jinstab hati ghandha tapplika l-Art. 22 tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta' Malta.

Ghal dawn il-motivi u wara li rat l-Artikoli 208A u 208A(1B) tal-Kodici Kriminali l-Qorti ssib lill-imputat hati tal-imputazzjonijiet kollha migjuba fil-konfronti tieghu kif minnu ammessi u b' applikazzjoni tal-Art. 22 tal-Kap. 446 tilliberah bil-kundizzjoni li ma jikkommettiex reat iehor sa zmien sentejn (2) millum.

Il-Qorti tordna d-divjet tal-pubblikazzjoni ta' ismu fi kwalunkwe mezz ta' komunikazzjoni.

Wara li rat l-Artikoli 392 A (2) u 401 (3) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti tordna li l-atti kollha ta' dan il-process flimkien ma' kopja tas-sentenza jintbaghtu lill-Avukat Generali fiz-zmien li trid il-Ligi.

**MAGISTRAT**

Graziella Abela

Deputat Registratur